MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2008

Numru 8/2007

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**George Gatt**
**Anthony Zahra**
**Louise Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-Att tal-Akkuza numru 8 tas-sena 2007 kontra l-akkuzati George Gatt, Anthony Zahra w Louise Zahra, li bih huma gew akkuzati talli:

Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Uniku Kap illi fit-tnejn (2) ta' Settembru, elfejn u wiehed (2001) fi Triq it-Turretta, l-Kalkara ghal habta tas-seba u nofs ta' filghaxija (7.30 pm) inqalghet kwistjoni bejn George Gatt, Anthony Zahra w Louise Zahra mal-gar taghhom Stephen Sultana. Illi f'mument minnhom, armati bi skieken u pistola, huma aggredew lil- Stephen Sultana w dana bil-hsieb li joqtlu jew jqieghdlu hajtu f'periklu car. Illi fil-fatt Stephen Sultana sofra diversi feriti izda fortunatament ma intlaqtx mit-tiri li

gew sparati fid-direzzjoni tieghu w il-feriti ma kkagunawx il-mewt.

Illi b'ghemilhom l-imsemmija George Gatt, Anthony Zahra w Louise Zahra saru hatja ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew bil-hsieb li jqieghedu il-hajja taghha f'periklu car, urew dana l-hsieb b'atti esterni w taw bidu ghall-ezekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, akkuza lill-imsemmija George Gatt, Anthony Zahra w Louise Zahra hatja ta' tentattiv ta' omicidju volontarju w cioe' talli dolozament, bil-hsieb li joqtlu persuna jew bil-hsieb li jqieghdu l-hajja taghha f'perikolu car, urew dana l-hsieb b'atti esterni w taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta' taghhom;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi huma jigu kkundanati ghall-piena ta' prigunerija minn seba snin sa tletin sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 41(1)(a), 211(1)(2), 31 (1)(a)(b)(i)(ii) u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

Rat l-atti kollha processwali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni.

Rat il-verdett tal-gurati tal-lum li bih, b'sebgha (7) voti favur u zewg (2) voti kontra sabu lit-tlett akkuzati mhux hatja skond l-uniku kap tal-Att tal-Akkuza, izda hatja biss li hadu parti attiva fi glieda accidentali li fiha Stephen Sultana sofra offiza ta' natura gravi minghajr il-konsegwenzi imsemmijin fl-artikolu 218, maghmula b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem.

Tiddikjara ghalhekk lil George Gatt, Anthony Zahra w Louise Zahra, mhux hatja tal-uniku kap ta' l-Att ta' l-Akkuza izda hatja biss talli fit-tnejn (2) ta' Settembru,

elfejn u wiehed (2001) fi Triq it-Turretta, l-Kalkara, ghal habta tas-seba u nofs ta' filghaxija (7.30 pm), hadu parti attiva fi glieda accidentali li fiha Stephen Sultana sofra offiza ta' natura gravi minghajr il-konsegwenzi imsemmijin fl-artikolu 218, maghmula b'ferita li dahlet f'wahda mill-kavitajiet tal-gisem.

Rat il-fedini penali aggornati tal-hatja esebiti mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti w ezaminati mid-difiza.

Qieset is-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni w id-difiza dwar il-piena li jinsabu kollha registrati w senjatament, imma mhux biss, is-segwenti.

L-abbli difensur Dr. Raphael Fenech Adami, ghall-akkuzat George Gatt, ssottometta li l-klijent tieghu kien f'kundizzjoni ta' sahha hazina w taht kura medika w sahansitra kellu appuntamenti biex jattendi l-isptar ghall-kura w ghalhekk il-piena karcerarja preskritta mill-ligi ghal dan ir-reat ma kienitx wahda idonea w jkun iktar xieraq li fil-konfront tal-hati George Gatt jigi applikat il-provvediment tas-sentenza sospiza taht l-artikolu 28A.

L-abbli difensur Dr. Robert Montalto, ghall-akkuzati Anthony Zahra w Louise Zahra, ssottometta li l-verdett ta' sebgha bi tnejn ta' liberazzjoni minn akkuza ta' tentattiv t'omicidju wera li l-gurati ma emmnux il-verzjoni ta' Stephen Sultana w li minhabba din il-verzjoni li issa ma twemmnitx il-konjugi Zahra ghamlu kwazi sitt (6) snin jistennew l-ezitu ta' din il-kawza li setghet tfisser ghalihom kundanna ta' tletin (30) sena prigunerija kull wiehed. Dan minnu niffsu kien diga' kastig bizzejjed fir-rigward taghhom. Inoltre l-fedina penali tal-konjugi Zahra kienet turi li dawn ma kellhomx kondotta refrattarja w inoltre Louise Zahra kienet tinstab fi stadju avvanzat ta' gravidanza. Ghalhekk issottometta li ghandu jkun hemm provvediment ta' sentenza sospiza fil-konfront ta' dawn iz-zewg hatja.

L-abbli prosekutur Dr. Anthony Barbara invece ssottometta li, ghalkemm il-prosekuzzjoni kienet tirrimetta

ruhha dwar il-piena, wiehed irid izomm f’mohhu li f’dan il-kaz il-vittma sofra ferita ta’ natura gravi li ppenetrat f’wahda mill-kavitajiet ta’ gismu w setghet kellha konsegwenzi serji w dan kellu jigi rifless fil-piena.

Ikkonsidrat

Qieset illi skond l-artikolu 237(c) tal-Kodici Kriminali, l-piena ghar-reat li l-hatja instabu hatja tieghu hija wahda ta’ prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tlett (3) xhur.

Illi meta l-Qorti ezaminat il-fedina penali tal-hati George Gatt sabet li dan kellu tmin (8) kundanni mill-Qrati li tnejn minnhom kienu jirrigwardaw ksur tal-buon ordni li f’wahda minnhom hu anki instab hati li kkaguna offizi ta’ natura hafifa w ta’ importanza zghira fuq zewg persuni.

Fil-kaz ta’ Anthony u Louise Zahra kellhom kundanna kull wiehed ghal ksur tal-buon ordni b’ghajjat u glied u kliem oxxen. Inoltre Anthony Zahra kellu wkoll zewg kundanni li jirrigwardaw sewqan ta’ vetturi bla licenzja w reati ohra tat-traffiku.

Qieset ukoll li bhala fatt il-vittma f’dan il-kaz sofriet offiza ta’ natura gravi li ppenetrat il-kavita’ taz-zaqq u dana fi glieda fejn il-gurati kienu sodisfatti li t-tlett (3) hatja hadu parti attiva fiha w huwa ghalhekk, li, sia pure fi grad inqas, iridu jirrispondu ghall-akkadut.

Ghaldaqstant, wara li qieset dan kollu, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 237 (c), 28A u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-hati George Gatt, ghall-piena ta’ tlett (3) xhur prigunerija, lill-hati Anthony Zahra ghall-piena ta’ xahrejn (2) prigunerija w lill-hatja Louise Zahra ghall-piena ta’ xahrejn (2) prigunerija, li pero’ fil-kaz taghha, din is-sentenza m’ghandix tidhol fis-sehh hlief jekk ma tul il-perjodu ta’ erba’ (4) snin mill-lum hija tikkommetti reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija w tikkundanna wkoll lit-tlett hatja biex ihallsu s-somma ta’ ghoxrin Euro (€20) kull wiehed rapprezentanti terz tal-ammont intier ta’ sittin Euro (€60) ta’ l-ispejjez peritali inkorsi f’dan il-process a tenur ta’ l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’

Malta w tordna li jekk l-ispejjez tal-perizji ma jithallsux fi zmien hmistax il-jum mil-lum, jigu konvertiti f' terminu ta' prigunerija skond il-ligi.

Il-Qorti tidderigi lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex jaghmilha possibbli li l-hati George Gatt jircievi l-kura medika kollha mehtiega.

Il-Qorti qed tispjega lill-hatja Louise Zahra bi kliem car ir-responsabilita' taghha taht l-artikolu 28A u 28B jekk hija tikkommetti reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija matul il-perjodu operattiv ta' erba' (4) snin.

Finalment il-Qorti qed tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghall-obbligu tieghu taht l-artikolu 28A(8) tal-Kodici Kriminali

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------